MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Numru. 1001/2010

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Anthony Caruana, iben Carmel, imwieled Pieta' fit-2 ta' Settembru, 1968, Karta ta' l-Identita numru 142969(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-25 ta' Marzu, 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel:
1. ta ordni lil ħaddieħor sabiex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz, u cioe' ċertifikat tal-VRT falz;

2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, bħala operaturi jew persuni li kellhom liċenzja biex jittestjaw, ħarġu ċertifikat li kien juri li l-vettura għaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx ġiet ittestjata;
3. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom xjaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 42(a)(d) u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ piena karċerarja tkun kontroproduċenti. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------